# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 12 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 2408/98**

**Numru 30**

**Angele Massa**

**vs**

**Joseph Fava**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attrici s-somma ta' disa' mija u wiehed u hamsin Lira Maltin (Lm951.00) rapprezentanti bilanc dovut ghad-danni sofferti mill-mitteni f'incident tat-traffiku li sehh fis-17 ta' Settembru 1997, f'Marsa Industrial Estate Road, Paola, ghal liema danni il-konvenut unikament responsabbli.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 17 ta' Dicmebru 1997, u tal-ittra ufficjali datata Marzu 1998, bl-imghax sad-data tal-effettiv pagament.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 4 tal-atti) li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghha, billi l-kollizzjoni in kwistjoni ma saritx b'tort tal-eccipjenti, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti ma hux responsabbli ghall-ebda hlas ta' danni;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, skond kif risultanti mix-xhieda ta' PS 947 Adrian Paul Vella, l-Ufficjal tal-Pulizija li investiga dan il-kaz u li esebixxa l-iskizz u rapport relattivi ghall-istess incident (fol 23 u 24 tal-atti), jidher li, meta gara l-istess incident gewwa l-qasam Industrijali tal-Marsa, kienet niezla ix-xita. Inoltre jidher li fit-triq fejn gara l-incident, hemm erba' "lanes". Kif jidher mill-imsemmi rapport, l-attrici kien stqarret li "hija skidjat ....u baqa diehel fija ta' wara". Da parti tieghu,l-konvenut qal "li huwa kien miexi, skidjat il-karozza li kienet aktar il-quddiem minni u resqet fuq in-naha tieghi u sehhet il-kollisjoni".

Ikkunsidrat

Illi l-attrici, meta xehdet (fol 8 et seq ibid) qalet b'referenza ghall-istess skizz li hi kienet qed issuq fuq it-tieni lane mix-xellug. Kif kienet niezla "jiena skiddjajt peress li kienet l-ewwel xita. Jiena ikkontrollajt il-karozza li waqfet". Hawnhekk, wieqfa: hi harset lura sabiex tara li ma kien gara xejn lit-tfal taghha li kienu fuq wara tal-vettura taghha. Fi kliemha stess, hi kompliet tghid "Ghal ftit sekondi (zgur .... nofs minuta wieqfa) li kont wieqfa, izda mhux immedjatament, dahlet il-karozza l-ohra, misjuqa mill-konvenut, go fija". In rigward dan, hi sottolineat li "Jiena bqajt tista' tghid, fuq l-istess lane, karreggata" waqt li, mad-daqqa il-karrozza taghha daret u spiccat fuq il-karreggjata "immedjatament ta' hdejja".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 27 et seq ibid tal-istess atti) jsostni li hu kien qed jsuq bil-mod il-"van" tieghu "man-naha tal-bankina tal-lemin". Inoltre hu kien ra, qabel l-incident , il-karozza misjuqa mill-attrici, liema karozza kienet "fuq in-naha tax-xellug tieghu aktar il-quddiem minni". Hu kompla jghid li "ta' quddiemi skiddjat, ...... ipprovajt niskapulha. Minhabba l-iskidjatura pero', l-attrici giet ghal fuqi minghajr ma

waqfet". L-istess konvenut semma' li kien il-maltemp u wara dan l-incident kienu habtu vetturi ohra "minhabba skiddjaturi ukoll".

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher li dan l-incident kien kawzat mill-maltemp li bhala konsegwenza, gieghel lill-vettura misjuqa mill-attrici sabiex tiskiddja.

Illi, jidher ukoll li dan il-fatt wassal sabiex il-konvenut jigi rinfaccat minn emergenza subitanea u b'hekk, saret din il-habta.

Illi, effettivament, ma irrizultax li l-konvenut kien, b'xi mod, negligenti fis-sewqan tieghu, kif qed tallega , ghal xi raguni, l-attrici u b'hekk din il-Qorti ma tarax li tista issib xi responsabbilta' da parti tal-konvenut, ghal dan l-incident a basi tal-provi kif prodotti u hawn fuq esposti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici. In rigward l-ispejjes, fic-cirkostanzi tal-kaz, dawn jibqghu bla taxxa.

Alan Calleja
Dep.Reg